Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,088, 19 ta' Lulju, 2023

Taqsima B

A.L. 171 tal-2023

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinament tal-2023 biex jemenda l-Ordinamenti tal-2014 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad, 2021 għall-Postgraduate Certificate in the Teaching of Ethics in Schools taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Edukazzjoni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dan l-ordinament magħmula mill-Bord tal-Fakultà tal-Edukazzjoni bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81 (1) (ċ) ta' dak l-Att u li ġie approvat mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81 (2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dan l-ordinament jista jissejjaħ bħala l-Ordinament tal-2023 biex jemenda l-Ordinamenti tal-2014 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad, 2021 għall-Postgraduate Certificate in the Teaching of Ethics in Schools u għandu jinqara u jinftiehem bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2014 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Postgraduate Certificate in the Teaching of Ethics in Schools taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Edukazzjoni ppubblikati bħala Avviż Legali 219 tal-2014, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali."

L-Applikabilità

2. Dan l-ordinament għandu japplika għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2023 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok l-ordinament 3 tal-oridnamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

B 1474

“**Ir-Rekwiżiti għad-Dħul**

3. Sabiex ikunu reġistrati bħala studenti regolari fil-Kors, l-applikanti għandu jkollhom wieħed minn dawk il-kwalifiki li ġejjin:

(a) il-Master in Teaching and Learning; jew

(b) il-grad ta’ Bachelor of Education (Honours); jew

(c) grad tal-ewwel ċiklu flimkien mal-Postgraduate Certificate in Education;

jew

(d) grad tal-ewwel ċiklu u/jew grad tat-tieni ċiklu jew ogħla u warrant permanenti ta’ għalliem; jew

(e) kwalunkwe kwalifika oħra rikonoxxuta fit-tagħlim u warrant permanenti ta’ għalliem.”